DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1500

tat-28 ta' Lulju 2020

dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kuntratti mogħtija għal attivitajiet relatati mal-produzzjoni u mal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fil-Litwanja

(notifikata bid-dokument C(2020) 5031)

(It-test bil-Litwan biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(3) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku,

Billi:

1. FATTI

(1) Fit-8 ta' April 2019, Lietuvos energija UAB ("l-Applikant") ressqet talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2014/25/UE ("it-Talba").

(2) It-Talba tikkonċerna l-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-attivitajiet bl-ingrossa li mhumiex regolati mill-awtorità nazzjonali ([2]). Fl-email tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2019, l-Applikant ikkonferma li n-negozjar fl-ibbilanċjar tal-enerġija, ir-regolazzjoni tal-enerġija, il-provvista ta' kapaċitajiet ta' riżerva u l-provvista ta' obbligi tas-servizz pubbliku mhumiex koperti mit-Talba.

(3) It-Talba ma kinitx akkumpanjata minn pożizzjoni raġunata u sostanzjata adottata minn awtorità nazzjonali indipendenti li hija kompetenti fir-rigward tal-attivitajiet ikkonċernati, li tanalizza bir-reqqa l-kundizzjoni għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE għall-attivitajiet ikkonċernati, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dak l-Artikolu. Konsegwentement, f'konformità mal-punt 1 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni trid tadotta att ta' implimentazzjoni dwar it-Talba fi żmien 105 ġranet ta' xogħol. L-iskadenza inizjali ġiet sospiża f'konformità mal-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE. L-iskadenza maqbula bejn l-Applikant u l-Kummissjoni għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni tiskadi fil-31 ta' Lulju 2020.

(4) F'konformità mal-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Litwani bit-Talba, u talbet informazzjoni addizzjonali fl-14 ta' Mejju 2019 u fl-24 ta' Mejju 2019. L-awtoritajiet Litwani wieġbu fit-18 ta' Settembru u fit-23 ta' Settembru 2019. Il-Kummissjoni talbet iktar kjarifiki fis-7 ta' Ottubru 2019, fit-30 ta' Jannar u fis-17 ta' Marzu 2020 u l-awtoritajiet Litwani wieġbu fit-22 ta' Jannar, fil-5 ta' Marzu u fid-19 ta' Marzu 2020. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwist Pubbliku, l-awtoritajiet Litwani pprovdew iktar informazzjoni fid-9 ta' Lulju 2020.

(5) Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-Applikant fit-3 ta' Mejju, fis-27 ta' Mejju u fl-14 ta' Ġunju 2019 u t-tweġibiet tal-Applikant waslu fis-17 ta' Mejju 2019, fit-12 ta' Ġunju u fit-18 ta' Ġunju 2019.

2. QAFAS ĠURIDIKU

(6) Id-Direttiva 2014/25/UE tapplika għall-għoti ta' kuntratti għat-twettiq ta' attivitajiet relatati, fost l-oħrajn, mal-produzzjoni u mal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, sakemm din l-attività ma tkunx eżentata skont l-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. Id-Direttiva 2014/25/UE ma tapplikax għal ċerti tipi ta' dik l-attività fejn ma titqiesx bħala attività rilevanti skont l-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

([2]) Din l-attività tista' tkun soġġetta għad-dritt nazzjonali u tal-UE li jagħti aċċess liberu għas-suq, ara t-Taqsima 3.1 ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Skont l-Artikoli 34 u 35 tad-Direttiva 2014/25/UE, kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika dik id-Direttiva, fuq talba ta' Stat Membru jew ta' entità kontraenti, ma jridux ikunu soġġetti għad-Direttiva. Din l-eżenzjoni tista' tingħata jekk, fl-Istat Membru li fih titwettaq l-attività, l-attività tkun esposta direttament għall-kompetizzjoni fi swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur ikkonċernat.

3. VALUTAZZJONI

3.1. Aċċess mhux ristrett għas-suq

(8) L-aċċess għas-suq jitqies mhux ristrett jekk l-Istat Membru kkonċernat ikun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu. Din il-leġiżlazzjoni hija elenkata fl-Anness III tad-Direttiva 2014/25/UE, li fir-rigward tas-settur tal-elettriku, tinkludi d-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(9) Kif ġie kkonfermat mill-Applikant, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Litwanja ttrasponiet ([4]) u qed tapplika d-Direttiva 2009/72/KE. Għaldaqstant, l-aċċess għas-suq rilevanti jitqies li mhuwiex ristrett f'konformità mal-Artikolu 34(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

3.2. Esponiment dirett għall-kompetizzjoni

(10) L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni jenħtieġ li jiġi evalwat abbażi ta' indikaturi varji, li l-ebda wieħed minnhom mhuwa deċiżiv *per se*. Fir-rigward tas-swieq ikkonċernati minn din id-Deċiżjoni, is-sehem mis-suq tal-atturi prinċipali f'suq partikolari jikkostitwixxi kriterju wieħed, li jenħtieġ li jiġi kkunsidrat. Fid-dawl tal-karatteristiċi tas-swieq ikkonċernati, jenħtieġ li jitqiesu wkoll kriterji ulterjuri.

(11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni u tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u għal oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE, mhumiex neċessarjament identiċi għal dawk użati biex titwettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 101 jew 102 tat-TFUE jew tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([5]), kif ikkonfermat mill-Qorti Ġenerali ([6]).

(12) Wieħed jenħtieġ li jżomm f'moħħu li l-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tistabbilixxi jekk l-attivitajiet ikkonċernati mit-Talba humiex esposti direttament għall-kompetizzjoni, fi swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett skont it-tifsira tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE. Dan jiżgura li, fin-nuqqas tad-dixxiplina li jġibu magħhom ir-regoli dettaljati dwar l-akkwist stabbiliti fid-Direttiva 2014/25/UE, l-akkwist għat-twettiq tal-attivitajiet ikkonċernati jitwettaq b'mod trasparenti u b'mod mhux diskriminatorju abbażi ta' kriterji li jippermettu lix-xerrejja jidentifikaw is-soluzzjoni li b'mod ġenerali hija l-iktar waħda ekonomikament vantaġġuża.

3.2.1. *Definizzjoni tas-suq tal-prodott*

(13) It-Talba tikkonċerna l-ġenerazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku.

(14) Fid-deċiżjoni tagħha fil-Każ COMP M.4110 E.ON – ENDESA ([7]), il-Kummissjoni identifikat is-swieq tal-prodotti rilevanti li ġejjin fis-settur tal-elettriku: il-ġenerazzjoni u l-provvista bl-ingrossa; it-trażmissjoni; id-distribuzzjoni u l-provvista bl-imnut. Filwaqt li wħud minn dawn is-swieq jistgħu jiġu suddiviżi iktar, sal-lum, il-prassi preċedenti tal-Kummissjoni ([8]) rrifjutat id-distinzjoni bejn suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u suq tal-provvista bl-ingrossa billi l-ġenerazzjoni fil-fatt hija biss l-ewwel stadju fil-katina tal-valur, iżda l-volumi tal-elettriku ġġenerati jiġu kkummerċjalizzati permezz tas-suq bl-ingrossa.

([3]) Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

([4]) Att ta' traspożizzjoni nazzjonali: Lietuvos Respublikos Elektros Energetikos Įstatymas, 2000 m. liepos 20 d. Nr. VIII-1881.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

([6]) Is-Sentenza tas-27 ta' April 2016, Österreichische Post AG vs. Il-Kummissjoni, T-463/14, ECLI:EU:T:2016:243, il-paragrafu 28.

([7]) Il-Każ COMP/M.Nru 4110 E.ON – ENDESA, tal-25 ta' April 2006, il-paragrafi 10 u 11.

([8]) Il-Każ COMP/M. Nru 3696 E.ON – MOL tal-21 ta' Jannar 2005, il-paragrafu 223, il-Każ COMP/M. Nru 5467, RWE- ESSENT tat-23 ta' Ġunju 2009, il-paragrafu 23.

(15) Fl-2012, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE ([9]) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE ([10]) b'rabta mas-swieq tal-elettriku Ġermaniżi u Taljani rispettivament. Għall-Ġermanja, il-Kummissjoni qieset li l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-elettriku regolati mill-Att dwar is-Sorsi tal-Enerġija Rinnovabbli mhumiex parti mis-suq għall-ġenerazzjoni u l-ewwel bejgħ tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali minħabba li l-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli normalment ma jinbiegħx direttament fis-suq bl-ingrossa iżda jinxtara l-ewwel mill-operaturi tal-grilja ta' trażmissjoni għal rata ta' remunerazzjoni statutorja. Bl-istess mod, għall-Italja, il-Kummissjoni qieset li s-suq għall-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli huwa separat mis-suq għall-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku ġġenerat minn sorsi konvenzjonali minħabba li l-bejgħ tal-elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli li huma soġġetti għall-Comitato Interministeriale Prezzi (CIP6) tad-29 ta' April 1992 u l-mekkaniżmi tat-Tariffi Feed-in (FIT), ġeneralment iseħħ permezz tal-operatur tas-servizz tal-enerġija. Ir-raġunijiet prinċipali għala l-Kummissjoni tagħmel tali distinzjoni jirrigwardaw essenzjalment il-bejgħ mill-produtturi tal-elettriku rinnovabbli tal-produzzjoni tagħhom lil entità mhux tas-suq li hija l-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni fil-Ġermanja u l-Gestore dei Servizi Energetici fl-Italja. Konsiderazzjonijiet addizzjonali mressqa f'dawn iż-żewġ preċedenti kienu: feed-in ta' prijorità għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u rata statutorja ta' remunerazzjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-Ġermanja u fl-Italja, il-ġenerazzjoni rinnovabbli u l-ewwel bejgħ ma kinux għalhekk soġġetti għall-forzi tas-suq.

(16) Fl-2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/71 ([11]) fir-rigward tas-suq tal-elettriku tan-Netherlands. Għan-Netherlands, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kienx hemm bżonn li jiġu definiti swieq separati għall-elettriku skont is-sors tiegħu. Id-differenzi ewlenin mid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u 2012/539/UE b'rabta mal-Ġermanja u mal-Italja kienu dawn li ġejjin: il-fatt li l-elettriku rinnovabbli nbiegħ direttament fis-suq tal-operaturi u mhux lil entità mhux tas-suq, in-nuqqas ta' feed-in ta' prijorità għall-elettriku rinnovabbli, il-fatt li r-rata statutorja ta' remunerazzjoni applikabbli għall-elettriku rinnovabbli kienet fil-forma ta' primjum feed-in (għall-kuntrarju tar-rata fissa bħal fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u 2012/539/UE fir-rigward tal-Ġermanja u tal-Italja) u l-fatt li s-sussidji għall-enerġija rinnovabbli kienu soġġetti għal proċess ta' offerti fil-bidu, fejn teknoloġiji differenti kienu qed jikkompetu għal ammont ta' sussidji predefinit.

(17) Fid-dawl tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE, 2012/539/UE u (UE) 2018/71, huwa neċessarju li f'dan il-każ, abbażi tal-istess kriterji, tiġi eżaminata l-pertinenza ta' distinzjoni bejn l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli u l-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali.

(18) Bit-tweġiba tat-18 ta' Settembru 2019 għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2019, l-awtoritajiet Litwani infurmaw li attwalment hemm tliet skemi ta' appoġġ għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli.

(19) L-**ewwel skema ta' appoġġ** tapplika għall-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli ("RES") li kisbu d-dritt li jibbenefikaw mill-inċentivi tal-iskema bejn l-1 ta' Jannar 2002 u t-23 ta' Mejju 2011. L-elementi ewlenin tal-ewwel skema huma: ix-xiri obbligatorju tal-elettriku RES minn kumpanija maħtura mill-Ministeru għall-Enerġija jew min-network ta' distribuzzjoni; il-feed-in ta' prijorità; ir-remunerazzjoni b'rata fissa stabbilita mir-regolatur tal-enerġija, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-ibbilanċjar tal-grilja u l-kumpens tal-produttur għall-kost tal-konnessjoni mal-grilja. Skont il-kapaċità tal-installazzjoni, l-ewwel skema tkun soġġetta għal proċess kompetittiv għall-permessi tal-bini.

(20) Il-kapaċità installata li tista' tibbenefika mill-inċentiv fil-qafas tal-ewwel skema ta' appoġġ kienet ta' 237 MW u l-perjodu ta' inċentiv kien japplika sa tmiem l-2020 jew, jekk il-perjodu bejn id-data tal-ħruġ tal-permess ta' ġenerazzjoni u l-2020 kien ta' inqas minn 12-il sena, għal 12-il sena wara d-data tal-ħruġ tal-permess ta' ġenerazzjoni.

(21) It-**tieni skema ta' appoġġ** tapplika għall-produtturi li jiġġeneraw l-elettriku minn RES li kisbu d-dritt li jibbenefikaw mill-inċentivi tal-iskema bejn l-24 ta' Mejju 2011 u t-30 ta' April 2019. L-elementi ewlenin tat-tieni skema huma: ix-xiri obbligatorju tal-elettriku RES minn kumpanija maħtura mill-Ministeru għall-Enerġija jew min-network ta' distribuzzjoni; il-feed-in ta' prijorità; ir-remunerazzjoni b'rata fissa mogħtija wara sejħa għall-offerti jew stabbilita mir-regolatur tal-enerġija; l-eżenzjoni mir-responsabbiltà tal-ibbilanċjar tal-grilja u l-kumpens tal-produttur għall-kost tal-konnessjoni mal-grilja.

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE tal-24 ta' April 2012 dwar il-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali fil-Ġermanja (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 21).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/539/UE tas-26 ta' Settembru 2012 dwar il-produzzjoni u l-bejgħ fil-livell ta' operaturi ta' elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali fil-Makrożona tat-Tramuntana u fil-Makrożona tan-Nofsinhar fl-Italja (ĠU L 271, 5.10.2012, p. 4).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/71 tat-12 ta' Diċembru 2017 li teżenta l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 12, 17.1.2018, p. 53).

(22) Skont il-kapaċità tal-installazzjoni, fil-qafas tat-tieni skema ta' appoġġ, l-allokazzjoni tal-appoġġ b'rata fissa tiġi stabbilita permezz ta' proċedura kompetittiva ta' offerti.

(23) Il-kapaċità installata li tista' tibbenefika minnha hija ta' 464 MW u japplika l-perjodu ta' inċentiv, għal 12-il sena wara d-data li fiha jkun inħareġ il-permess ta' ġenerazzjoni, u l-ħlasijiet ikomplu sal-2029.

(24) It-**tielet skema ta' appoġġ** ġiet approvata mill-Kummissjoni ([12]) u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019. L-elementi ewlenin tat-tielet skema huma: il-feed-in ta' prijorità; ir-remunerazzjoni tkun ibbażata fuq primjum tal-prezz stabbilit wara proċess ta' sejħa għall-offerti (ma jsir l-ebda ħlas fil-każ ta' ammonti żero jew prezzijiet negattivi għal sitt sigħat jew iktar; ma jsir l-ebda ħlas għal kwantitajiet prodotti żejda, iktar mill-produzzjoni tal-elettriku allokata permezz tas-sejħa għall-offerti); eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-ibbilanċjar tal-grilja għall-impjanti b'kapaċità ta' inqas minn 500 KW jew inqas u għall-proġetti pilota.

(25) Fil-qafas tat-tielet skema ta' appoġġ, l-appoġġ ibbażat fuq il-primjum irid jiġi stabbilit permezz ta' proċedura kompetittiva ta' offerti għat-tipi kollha ta' installazzjonijiet mingħajr differenzjazzjoni abbażi tad-daqs u tat-teknoloġija.

(26) Id-daqs tal-inċentiv fil-qafas tat-tielet skema ta' appoġġ huwa ta' madwar 2,9 TWh u l-perjodu ta' inċentiv japplika għal 12-il sena wara d-data li fiha jkun inħareġ il-permess ta' ġenerazzjoni.

(27) Skont l-Applikant, it-tielet skema ta' appoġġ għall-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli fil-Litwanja hija simili għall-miżuri rispettivi adottati fin-Netherlands. Għalhekk, dan jiġġustifika d-definizzjoni ta' suq uniku tal-prodotti li jinkludi l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li t-tielet skema ġiet introdotta biss dan l-aħħar.

(28) Skont l-awtoritajiet Litwani, il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa jenħtieġ li jiġu definiti bħala suq uniku irrispettivament mis-sors tal-elettriku. Inkella, jekk jiġu definiti żewġ swieq, l-awtoritajiet Litwani jipproponu d-delineazzjoni li ġejja: suq għall-elettriku minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli ([13]) bl-eċċezzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli kopert mill-ewwel u mit-tieni skema ta' appoġġ u suq għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli kopert mill-ewwel u mit-tieni skema ta' appoġġ.

(29) L-elettriku prodott fil-qafas tat-tielet skema jirċievi appoġġ abbażi ta' primjum stabbilit permezz ta' proċedura kompetittiva ta' offerti għat-tipi kollha ta' installazzjonijiet mingħajr differenzjazzjoni abbażi tad-daqs u tat-teknoloġija. Il-perjodu ta' appoġġ għal kull installazzjoni huwa ta' 12-il sena. Il-benefiċjarji jirċievu primjum massimu, stabbilit bħala differenza bejn prezz massimu (il-kost tal-iktar teknoloġija tal-elettriku RES kosteffiċjenti disponibbli fil-Litwanja – l-enerġija eolika fuq l-art) u prezz ta' referenza. F'April 2019, il-Kummissjoni permezz tad-Deċiżjoni C(2019) 3122 ([14]) sabet li l-appoġġ finanzjarju għall-iskema kien kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE.

(30) L-elettriku prodott fil-qafas tat-tielet skema jirċievi appoġġ ibbażat fuq primjum stabbilit permezz ta' proċedura kompetittiva ta' offerti. Dan huwa differenti b'mod sinifikanti mis-sitwazzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli, li jirċievu ħlas statutorju, b'mod indipendenti mill-kundizzjonijiet tas-suq.

(31) Filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-suq tal-elettriku Litwan, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni u r-regoli tal-għajnuna mill-Istat, is-suq tal-prodott rilevanti huwa hawnhekk definit bħala s-suq għall-ġenerazzjoni u għall-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli għajr l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ.

(32) Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni skema ta' appoġġ, fiż-żewġ skemi, il-produtturi tal-elettriku jibbenefikaw minn rata fissa għall-elettriku li huma jiġġeneraw, b'mod indipendenti mill-kundizzjonijiet tas-suq.

(33) Huma eżentati mir-responsabbiltajiet tal-ibbilanċjar tal-grilja: huwa l-operatur tan-network tat-trażmissjoni jew tad-distribuzzjoni li jiġġestixxi l-ibbilanċjar, skont liema network ikun konness miegħu l-produttur.

(34) Huma bbenefikaw minn kumpens għall-kost tal-konnessjoni tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku. Meta l-faċilitajiet tal-produtturi kienu konnessi man-network tal-elettriku, dawn ġew rimborżati parti mill-kost tal-konnessjoni mġarrba mill-operatur tan-network tal-elettriku.

([12]) Għajnuna mill-Istat SA.50199 (2019/N) tat-23 ta' April 2019 dwar l-Appoġġ tal-Litwanja għall-impjanti tal-enerġija li jipproduċu l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

([13])

([14]) [Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3122 ta' … April 2020 dwar l-Appoġġ tal-Litwanja għall-impjanti tal-enerġija li jipproduċu l-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.?]

(35) Huma intitolati għal xiri obbligatorju tal-elettriku ġġenerat. Il-produtturi jistgħu jbigħu l-elettriku tagħhom fis-suq, iżda, jekk jagħżlu li ma jagħmlux dan, huma intitolati jbigħu l-elettriku kollu ġġenerat u pprovdut lill-grilja lill-kumpanija maħtura meta l-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku jkunu konnessi man-network tat-trażmissjoni, jew lil operatur tan-network tad-distribuzzjoni li jservi iktar minn 100 000 utent fejn il-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-produtturi huma konnessi man-network tad-distribuzzjoni.

(36) Dawn jibbenefikaw minn feed-in ta' prijorità. Skont id-dritt ta' prijorità, l-operatur tan-network tal-elettriku jrid jaċċetta, jittrasferixxi jew jiddistribwixxi – b'rati trasparenti u mhux diskriminatorji – l-elettriku kollu offrut mill-produttur, u dan id-dritt ta' prijorità huwa garantit lill-produttur fir-rigward ta' produtturi oħra tal-elettriku li mhumiex RES.

(37) Għalhekk, l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli li jkun soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ jifforma suq separat.

3.2.2. *Definizzjoni tas-suq ġeografiku*

(38) Fl-2012, il-Litwanja ssieħbet fil-kambju tan-negozjar tal-enerġija Nord Pool u b'hekk il-produtturi tal-elettriku Litwani kkompetew biex ibigħu l-elettriku tagħhom lill-fornituri fis-suq. Fl-2013, is-sistema tal-elettriku Litwana kienet diġà konnessa mas-sistemi ta' Stati Membri oħra bħal-Latvja u minn Diċembru 2015, l-Iżvezja u l-Polonja wkoll. Madankollu, il-Litwanja tibqa' żona tal-offerti unika.

(39) Skont l-Applikant, it-Talba tappartjeni għal attivitajiet fit-territorju tal-Litwanja.

(40) Fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u (UE) 2018/71 tagħha fir-rigward tas-swieq tal-elettriku, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li l-ambitu ġeografiku tas-suq kien wieħed nazzjonali.

(41) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' ambitu differenti tas-suq ġeografiku, għall-finijiet tal-valutazzjoni skont din id-Deċiżjoni u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ambitu ġeografiku tas-suq tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku, għall-ġenerazzjoni tal-elettriku permezz ta' mezzi konvenzjonali u rinnovabbli (soġġetta għall-iskemi kollha), huwa t-territorju tal-Litwanja.

3.2.3. *Analiżi tas-suq*

(42) Huwa importanti li wieħed isemmi li, fis-swieq tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku Litwani, mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Għalhekk, il-kumpaniji li mhumiex soġġetti għal dawk ir-regoli, meta jaġixxu f'dawk is-swieq, normalment ikollhom il-possibbiltà li jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq l-atturi tas-suq li jkunu soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Skont l-awtoritajiet Litwani, fis-swieq koperti mit-Talba, minbarra l-Applikant, l-entitajiet li ġejjin huma soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku: UAB Vilniaus energija, AB Panevėžio energija, VšĮ Alantos technologijos ir verslo mokykla, AB Vilniaus šilumos tinklai, AB Klaipėdos energija u AB Šiaulių energija.

3.2.3.1. Il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli minbarra l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ

(43) Fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u 2012/539/UE tagħha, il-Kummissjoni qieset li, fir-rigward tas-suq tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa, is-sehem tas-suq kumulattiv tal-akbar tliet impriżi huwa rilevanti. Madankollu, peress li mhux l-atturi kollha tas-suq huma soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, l-analiżi tiffoka fuq il-pożizzjoni tas-suq u r-restrizzjonijiet kompetittivi fuq l-atturi individwali tas-suq soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. Jistgħu jitqiesu rilevanti wkoll miżuri ta' konċentrazzjoni oħrajn.

(44) Dwar is-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku Litwan, skont it-tweġiba mill-awtoritajiet Litwani tal-5 ta' Marzu 2020 għat-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2020, l-Applikant huwa l-akbar attur tas-suq, u s-sehem mis-suq tiegħu varja matul il-perjodu bejn l-2015 u l-2019, bejn l-ogħla sehem ta' 60,8 % fl-2018 u l-iktar sehem baxx ta' 53,9 % fl-2019. It-tieni attur tas-suq huwa AB ACHEMA, li rnexxielu jżid l-ishma mis-suq tiegħu matul l-istess perjodu, minn 10,3 % fl-2015 għal 23 % fl-2019. Iż-żewġ atturi l-kbar tas-suq li jmiss għandhom ishma mis-suq ta' bejn 5 % u 10 % kull wieħed. Il-Kummissjoni tinnota li minbarra l-Applikant, l-atturi l-kbar l-oħrajn attivi tas-suq mhumiex soġġetti għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. UAB Vilniaus Energija hija soġġetta għar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, iżda ilha ma tkun attiva fis-suq rilevanti mill-2016.

(45) Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, is-suq tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku jikkonsisti fin-negozjar tal-kambju tal-enerġija, fi ftehimiet bilaterali u fin-negozjar tal-ibbilanċjar u tar-regolazzjoni tal-elettriku.

(46) Skont it-tabella 14 tat-tweġiba mill-Applikant tas-17 ta' Mejju 2019 għat-talba għall-informazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2019 mill-volumi totali nnegozjati fil-Litwanja, iktar minn 75 % tal-elettriku huwa nnegozjat permezz tal-kambju tal-enerġija Nord Pool. Nord Pool hija l-akbar entità Ewropea tal-kambju tal-enerġija. Nord Pool twettaq negozjar tal-enerġija madwar l-Ewropa. Nord Pool toffri n-negozjar, l-ikklerjar u s-saldu ta' ġurnata bil-quddiem u fl-istess ġurnata, id-*data* u l-konformità, kif ukoll servizzi ta' konsulenza. Nord Pool topera swieq tan-negozjar tal-enerġija fin-Norveġja, fid-Danimarka, fl-Iżvezja, fil-Finlandja, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fil-Belġju, fl-Awstrija, fil-Lussemburgu, fi Franza u fir-Renju Unit. Fl-2019, Nord Pool kellha fatturat totali ta' 494 TWh ta' enerġija nnegozjata, u dan jinkludi iktar minn 90 % tal-konsum totali tal-enerġija fis-suq Nordiku u Baltiku.

(47) Il-likwidità tas-suq tal-bejgħ bl-ingrossa hija indikatur rilevanti għall-kompetizzjoni, peress li volumi suffiċjenti kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda għall-prodotti bl-ingrossa rilevanti (pereżempju, baseload, tagħbija fl-eqqel sigħat, blocs ta' kull siegħa għal perjodi differenti) jipprovdu opportunitajiet ta' xiri u ta' hedging lin-negozjanti u lill-fornituri.

(48) Il-grad ta' likwidità fis-suq tal-bejgħ bl-ingrossa ta' Nord Pool isaħħaħ il-konklużjoni li l-entitajiet kontraenti li joperaw fis-suq tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-Litwanja huma esposti għall-kompetizzjoni.

(49) Il-kapaċità ta' interkonnessjoni hija biżżejjed biex tippermetti importazzjonijiet jew esportazzjonijiet sinifikanti lejn il-Litwanja u minnha. Barra minn hekk, il-Litwanja hija parti mill-kambju tan-negozjar tal-enerġija Nord Pool, fejn jikkompetu għadd ta' ġeneraturi tal-elettriku minn pajjiżi parteċipanti (in-Norveġja, l-Iżvezja, il-Finlandja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja). Parti sinifikanti mill-importazzjonijiet tal-elettriku Litwani jiġu mir-Russja u mill-Belarussja.

(50) Iż-żieda fil-kapaċità ta' interkonnessjoni bejn il-Litwanja u pajjiżi oħra x'aktarx li kellha impatt favorevoli fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-ġenerazzjoni tal-elettriku Litwan.

(51) Skont it-Talba, l-importazzjonijiet koprew 80 % tad-domanda Litwana għall-elettriku fl-2018. L-importazzjonijiet netti żdiedu minn 7208 TWh fl-2015 għal 9632 TWh fl-2018, filwaqt li l-elettriku ġġenerat fil-Litwanja niżel minn 4598 TWh għal 3220 TWh. L-Applikant jispjega li, filwaqt li l-kapaċità installata totali fil-Litwanja tkun biżżejjed biex tissodisfa d-domanda, l-elettriku importat huwa orħos minn dak prodott lokalment. B'riżultat ta' dan, uħud mill-faċilitajiet tagħha ġew maħżuna u jinżammu bħala kapaċità ta' riżerva.

(52) Id-daqs tal-importazzjonijiet fis-suq Litwan iwassal għall-konklużjoni li l-entitajiet kontraenti li joperaw fis-suq Litwan għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali u rinnovabbli minbarra l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ huma esposti għall-kompetizzjoni.

3.2.3.2. Il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli li huwa soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ

(53) Abbażi tal-karatteristiċi tal-iskemi ta' appoġġ, il-Kummissjoni tinnota li l-ewwel u t-tieni skema ta' appoġġ għandhom karatteristiċi simili għall-iskemi analizzati fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2012/218/UE u 2012/539/UE fir-rigward tal-Italja u tal-Ġermanja. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni kienet għamlet distinzjoni bejn karatteristiċi speċifiċi partikolarment importanti. L-ewwel nett, il-produzzjoni tal-elettriku mir-RES tibbenefika minn konnessjoni ta' prijorità mal-grilja, u għandha prijorità fuq l-elettriku konvenzjonali għall-feed-in tal-grilja, li jfisser li hija kważi indipendenti mid-domanda. It-tieni nett, il-produzzjoni u l-feed-in huma kompletament indipendenti mill-prezzijiet peress li l-produtturi tal-elettriku tal-RES huma intitolati għal ħlas statutorju.

(54) Minħabba x-xebh tal-karatteristiċi tal-ewwel u tat-tieni skema fil-Litwanja mal-produzzjoni tal-elettriku tal-RES analizzata fid-Deċiżjonijiet tal-2012, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-attivitajiet mhumiex esposti għall-kompetizzjoni.

4. **KONKLUŻJONIJIET**

(55) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li titqies bħala ssodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli minbarra l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ fil-Litwanja.

(56) Barra minn hekk, minħabba li l-kundizzjoni tal-aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li ġiet issodisfata, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE la tapplika meta l-awtoritajiet kontraenti jagħtu kuntratti maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli ħlief l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġetti għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ li jridu jitwettqu fil-Litwanja u lanqas meta huma jorganizzaw kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(57) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati hawn fuq, il-kundizzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni stabbilita fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jenħtieġ li ma titqiesx li ġiet issodisfata fir-rigward tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġetti għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ fil-Litwanja. Konsegwentement, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/25/UE tkompli tapplika meta l-entitajiet kontraenti joffru kuntratti bl-għan li jippermettu t-twettiq ta' dik l-attività fil-Litwanja u meta jorganizzaw kompetizzjonijiet tad-disinn għat-twettiq ta' tali attività f'dik iż-żona ġeografika.

(58) Minħabba li l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli soġġetti għall-ewwel u għat-tieni skemi ta' appoġġ jenħtieġ li tkompli tkun soġġetta għad-Direttiva 2014/25/UE, qed jiġi mfakkar li l-kuntratti tal-akkwist pubbliku li jkopru diversi attivitajiet iridu jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva. Dan ifisser li, meta entità kontraenti tkun involuta f'akkwist "imħallat", jiġifieri akkwist użat biex jappoġġa t-twettiq kemm taż-żewġ attivitajiet eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25/UE kif ukoll tal-attivitajiet li mhumiex eżentati minnha, iridu jitqiesu l-attivitajiet li għalihom huwa intenzjonat prinċipalment il-kuntratt. F'każ ta' tali akkwist imħallat, meta l-fini ikun prinċipalment l-appoġġ tal-attivitajiet li mhumiex eżentati, iridu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25/UE. Meta jkun oġġettivament impossibbli li wieħed jiddetermina għal liema attività jkun primarjament maħsub il-kuntratt, il-kuntratt irid jingħata f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2014/25/UE.

(59) Huwa mfakkar li l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni jipprevedi eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva għal konċessjonijiet mogħtija minn entitajiet kontraenti fejn, għall-Istat Membru li fih ikunu se jitwettqu l-konċessjonijiet, ikun ġie stabbilit skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE li l-attività hija esposta b'mod dirett għall-kompetizzjoni f'konformità mal-Artikolu 34 ta' dik id-Direttiva. Peress li ġie konkluż li l-attività tal-produzzjoni u tal-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli minbarra l-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli soġġett għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ hija soġġetta għall-kompetizzjoni, il-kuntratti ta' konċessjoni maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet fil-Litwanja se jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/23/UE.

(60) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni ġuridika u fattwali minn April 2019 sa Mejju 2020 kif jidher mill-informazzjoni sottomessa mill-Applikant, mill-awtoritajiet Litwani u mill-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku. Jekk il-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jaf tiġi rieżaminata, wara bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ġuridika u fattwali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2014/25/UE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku prodott minn sorsi konvenzjonali u minn sorsi rinnovabbli minbarra l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli soġġetti għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ, li jridu jitwettqu fil-Litwanja.

Artikolu 2

Id-Direttiva 2014/25/UE għandha tkompli tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u maħsuba biex jippermettu l-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli li huma soġġetti għall-ewwel u għat-tieni skema ta' appoġġ li jridu jitwettqu fil-Litwanja.

([15]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Thierry BRETON
Membru tal-Kummissjoni